# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Jannar 2012 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Frar 2012 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Marzu 2012 fl-4.00p.m.
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' April 2012 fil-5.30p.m.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor "Nitolbu ma' Marija" li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: **www.ourladyofconsecration.org**

7. Facebook: Madonna talKonsagrazzjoni u Our Lady of Consecration

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 89 JANNAR 2012 JITQASSAM BLA ĦLAS



***Santa ta' San Mikiel Arkanġlu li tqassmet minn Ġuża f'Mejju 1995.***

**Fuq wara ta' din is-santa kien hemm dan il-kliem:**

San Mikiel Arkanġlu inti li tant għamiltni sodha u kuraġġuża kompli qawwili l-fidi fil-Mulej Alla biex inwettaq ir-rieda Tiegħu u dak kollu li qiegħed iwassalli permezz tal-Madonna.

Nitolbok biex bħalma ddefendejt lil Alla minn l-ispirti tad-dlamijiet tkompli tiddefendi d-dinja sabiex tirrenja l-vera paċi f'qalb il-popli kollha.

Nitolbok ukoll biex tgħinna nirċievu lil Ġesù Ostja b'imħabba u devozzjoni kbira.

**Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jixtieq iwassal l-isbaħ xewqat tiegħu għas-sena 2012 lill-membri kollha tal-Moviment, lill-qarrejja ta' dan il-fuljett, lill-Maltin u l-Għawdxin kollha u 'l proxxmu kollu. Mulej ibgħat il-paċi Tiegħek fuq id-dinja kollha.**

## INSIRU NAFU AKTAR LIL ĠUŻA MIFSUD (L-EWWEL PARTI)

Kemm fiż-żmien li kien għadha ħajja Ġuża Mifsud, kif ukoll fis-snin ta' wara għamilt ħilti sabiex kemm nista' niġbor informazzjoni dwar il-ħajja tagħha. Naturalment l-aktar informazzjoni li ksibt kien minn fommha stess, tagħrif li kienet tagħtih waqt il-laqgħat ta' talb li kienet torganizza fil-Girgenti. Iżda nformazzjoni oħra ksibtha wkoll minn *tapes* u dokumenti li nstabu d-dar tagħha kif ukoll minn dawk li kienu jafuha. Sa fejn hu possibbli ser inħalli lilha stess tirrakkonta dwar ħajjitha. Nispera li bħali ssibu dan it-tagħrif interessanti.

### Tnissil u Twelid

Kemm missierha Isidoro kif ukoll ommha Nikolina kienu ġejjin minn familji sempliċi, familji foqra f'dak li huwa materjali, jaqalgħu x'jieklu b'ħafna tbatija mix-xogħol tar-raba, iżda spiritwalment kienu minn dejjem għonja ħafna fil-fidi li kellhom f'Alla.

Isidoro, iżżewwġ lil Nikolina xebba Cassar, fl-1 ta' Mejju 1990 fil-paroċċa tas-Siġġiewi f'quddiesa mmexxija mill-viċi parroku Antonio Ellul. Ġuża twieldet tlettax-il sena wara, eżattament fis-27 ta' Jannar 1923 fit-3.30am. Tgħammdet l-għada 28 ta' Jannar 1923 mir-Reverendu saċerdot Nikola Aquilina u apparti l-isem ta' Ġużeppa ġiet mogħtija wkoll l-ismijiet ta' Nikolina, Anna u Agnese. Il-parrini tagħha kienu Ġużeppi u Carmela Bugeja.

Dwar it-tnissil tagħha, Ġuża tgħid: "it-tnissil tiegħi kien ġol-Girgenti, għax ommi u missieri kienu jorqdu l-Girgenti. U jiena per eżempju tawni l-magħmudija hawn is-Siġġiewi, għax jiena mhux bħal tallum li jridu hekk u jridu hekk, per eżempju kollox bl-ambjent tal-faqar, l-oriġinal kif ried il-Mulej hu."

Ġuża tirrakkonta li ommha kienet tgħidilha, "u sa tliet xhur ma nafx kif wassalthom għax aktar għixt bil-mediċina milli b'dak li kont nagħtik jiena, tant li ta' tliet xhur, jiena u z-zija Baldisk ħadnik il-Kurja biex nagħmlulek il-Griżma ta' l-Isqof."

### Isem Ġuża

Jidher ċar li l-ġenituri kellhom devozzjoni kbira lejn il-Madonna tal-Karmnu u lejn San Ġużepp għax kif tgħid Ġuża stess: "Ommi kellha sebat itfal, tnejn semmiethom għal xulxin u tnejn semmiethom għal xulxin - jiena għandi ħija Ġużeppi mejjet (miet tarbija) semmiet reġgħet Ġuża, għandna lil Karmnu mejjet (ukoll miet tarbija) semmiet lil Karmni ħajja, imbagħad għandna lil Karmnu u lil Kola ħajjin u mbagħad għandna lil Anna."

### Libsa ta' Ġesù Redentur

Ġuża tgħid ukoll li ommha ġieli kienet qaltilha, "tant kont marida inti u tant kont inħobbok, u ġiet li għidtlu lill-Mulej, 'ħudha Mulej għax ma niflaħx narha tbati iżjed din it-tifla,' għaliex sa tliet snin qatt ma stajt nieħu ruħ.'

Darba niftakar miskina... għamlitli libsa ta' Ġesù Nażżarenu u domt biha din il-libsa u kont nieħu gost nilbisha alavolja kont kbira, kelli ma' 9 jew 8 snin, kellha salib wara u quddiem, bl-aħmar u l-blu, bil-kurduni, għamlitha fuq Ġesù Nażżarenu ta' tas-Sliema għaliex hemmhekk ħaditni. Morna ninvistawh jiena u ħuti u ħija, ommi u missieri. U oħti kienet tħit u għamlitli din il-libsa. Qaltilha, 'Ftakar li għamilna wegħda li nlibbsuha ta' Ġesù Nażżarenu lil Ġuża. ' U jiena ma kontx nistħi biha ta lanqas xejn, u domt nilbisha sakemm ried il-Mulej għaliex meta ma bqajtx nilbisha għax tqattatli, għaliex il-bqija ma ridtx niskartha din il-libsa."

### Ġuża minn dejjem marradija

F'messaġġ ieħor irrekkordjat minn Ġuża hija tgħid: "Ommi kienet tgħid li qatt ma stajt nieħu ruħ jiena u miskina kienet tinżel minn ġo dan ir-razzett biex toħodni għand it-tobba, daqqa 'l hawn u daqqa 'l hemm għax ma ridtx ngħix. Kienet tgħidli, 'Tant kont marradija u tant kont inħobbok, l-imħabba li kelli għalik kienet imħabba tal-ġenn imma minħabba li dejjem kont narak batuta u kont narak marida, kont ngħidlu, 'Mulej, Mulej ħudha lil din it-tifla għax ma niflaħx naraha iżjed batuta.'... Kelli, għax kont nimrad ħafna bl-irjieħ, kont nieħu ħafna irjieħ, zmien ommi dana. Minn jaf kemm-il darba kienet tibgħat lil xi wieħed minnhom jorqod f'xi kamra oħra biex jiena norqod magħha għax kont inkun bir-riħ, ma ninżilx is-Siġġiewi. U dina ommi kienet tgħidli, 'Kemm ġagħaltni nbati, kemm ġagħaltni nbati. Aktar kemm inħobbok aktar dana.' Insomma u daqqa kont nidħaq u daqqa kont nibda nibki jiena. Jiena mbagħad bdejt linja oħra biex naqdi d-dmirijiet tiegħi kif irid il-Mulej. Flok li kont kif noħroġ mid-duttrina niġi hawn fuq (il-Girgenti) kont norqod ma dina z-zija Baldisk, il-parrina tiegħi tal-Griżma ta' l-Isqof u filgħodu mbagħad kont nixtri x-xirja u ntella l-ħobż miegħi il-Girgenti u noqgħod sa filgħaxija hemm "

### Tagħlim tad-duttrina

"U bit-tbatija u mhux tbatija u il-Mulej ma tanix il-mewt għax għadni ħajja, imma lil ommi ġagħaltha tbati ħafna miskina minħabba is-sitwazzjonijiet

tal-mard tiegħi. U aħna konna hawn fuq hu (il-Girgenti). Bħalma għidtilkom fil-passat ommi kienet għamlitli stamina biex jiena filgħaxija kont ninżel minn hawn fuq u kont immur ngħidulu l-oratorju biex nitgħallem id-duttrina. Kien hemm dan il-qassis li kien jieħu ħsiebna u kien jgħidilhom, 'Ara ġiet tal-Girgenti, Ġuża. ' Kien ħabib tagħna ħafna dan il-qassis. Kien iz-ziju ta' Patri Delia, għax huwa kien Dun Ġużepp Delia. Nhar ta' Ħadd kien itella xi tfal miegħu hawn ġor-razzett u jaqta' n-naspli u konna nagħtuh qoffa żgħira bin-naspli.

Fis-Sajf kien jgħidilha lil ommi 'Ħalliha toħroġ ftit miegħi, immorru ftit Birżebbuġia.' Llili kien jgħidli, 'Ġib żewġ ħobżiet ta' Malta', għax konna mmorru s-Sibt filgħaxija u konna niġu l-Ġimgħa filgħaxija minħabba li kien ikollu l-qrar. Konna noqogħdu tmint ijiem. Ommi miskina kienet tieħu ħafna paċenżja bija wkoll dak iż-żmien."

Waqt il-laqgħa tal-5 ta' Ġunju 1987 hija tkompli tgħid, "Minn hawnhekk kont ninżel għad-duttrina u qatt ma ċaħditni xejn ommi. Konna bl-istamini u ommi kienet żebgħatli xkora tad-dqiq sewda, biex tagħmilli l-istamina, u jien għidtilha, 'Ma dik għalfejn?' Qaltli, 'Biex tmur id-duttrina biha għamilthielek jiena.' U jiena kont nitfagħha fuq spallti u meta kont immur nitgħallem id-duttrina kelli lil Dun Ġużepp ta' Gajjos, u dan kien jgħidli, 'Ġuża, Ġuża, u meta ser nitilgħu biex inġib bixkilla naspli jiena?' Ngħidlu, 'Meta trid,' u nhar ta' Ħadd konna nitilgħu b'xi ħamest ibniet miegħu u konna fil-barka t'Alla."

## L-ewwel Tqarbina

"Nirringrazzja lill-Mulej li tani l-grazzja l-aktar kbira li fit-12 ta' Lulju 1931 jiena għamilt l-ewwel tqarbina. Biex għamilt l-ewwel tqarbina ġennint anka lil tal-familja għaliex kull minuta kont ninfaġar, tant li mlejt ħwejjġi kollha demm. Ma ngħidilkomx Dun Ġużepp Delia, Alla jaħfirlu, kemm jien jagħmilli nfietaħ fuq għonqi biex ma ninfaġarx."

Fil-laqgħa tal-Kumitat tat-12 ta' Mejju 1992 Ġuża tat aktar dettal u tgħid:

"U dina ommi u ħuti, lestewni għall-ewwel tqarbina. Ħititli l-mant, ħititli l-libsa bajda u għamluli kollox, l-Oratorju konna, kollox l-Oratorju kien... Libbsuni u kont paxxuta. Iz-zija miskina ġġibli l-ħelu fil-but biex tatihuli u jien mtlejt bid-demm. Infraġt. Oħti Karmni marret tkellem lil Dun Ġużepp. "Ħeqq," qalilha, "oħtok minn dejjem hekk, meta toħroġ miegħi taf x'nagħmlilha jiena? Naqbad koċċ infietaħ u nagħmilhomla fuq għonqha biex inżommilha d-demm." Qalilha, "Neħħulha l-libsa u l-mant." U xorta mort nagħmilha l-ewwel tqarbina, imma bl-umilta, bis-sempliċita. Kollox bis-sempliċita riditni mmur il-Madonna u mort għamilt l-ewwel tqarbina."



## Skola ftit li xejn marret

Skola ftit li xejn marret. Meta darba kien hemm persuna ghandha li kienet inkwetata għax it-tfal tagħha ma jridux jitgħallmu skola, hija qaltilha, "Jien lanqas ma tgħallimt skola ta. Jiena taf kemm mort skola? Mort sena u nofs għand is-sorijiet,' għidtilha, 'kienet tħallasli sold kuljum ommi, tmintax ir-rbiegħi fix-xahar u daqqa waħda lil ommi għidtilha, 'ma daqshekk skola, ma ridx immur skola għax il-Madre toqgħod iżżommli idi biex nikteb u jaqbduni n-nervi.' Qaltli, 'Ġuża, ruħi għamel li trid, issa kif titla r-razzett trid tmur tirgħa n-ngħaġ.' Għidtilha, 'Ma kuntenta li mmur nirgħa n-ngħaġ, imbasta ma mmurx skola,' u għixt hu."

## Meta mardet bid-deni tifojde

"U ħa nkomplilkom ta' meta jiena kont maz-zija u mradt bit-tifojde. Iz-zija kienet b'mija u erbgħa deni u oħti kienet xi mija u tlieta deni. Konna qisna sptar jew kwarantina ħa ngħidilkom. Qabel ma ħaduni l-isptar il-konfessur tiegħi Dun Ġuzepp Delia, lil ommi qalilha, 'Kolin, Kolina, lil Ġuża aħjar nagħmlulha l-griżma qabel noħduha l-isptar għaliex Ġuża ħażin ħafna aktar mill-oħrajn.' Qaltlu, 'Imma kemm kellu jgħaddi minnha affarijiet din it-tifla.' Qalilha, 'Oqgħod kwieta, oqgħod kwieta, dik qegħda f'idejn Alla, toqgħodx tinkwieta.'

Imbagħad kien ġie ħija Kola u missieri jarawni l-isptar u meta ġew jagħtu l-aħbar lil ommi, qaltlu, 'Sidor, Guża?' Qalilha, 'Ġuża m'aħniex, spiċċat.' Qaltlu, 'Is-Santa Marija.' Insomma biex ma noqgħodx inġiba fit-tul ommi tant kienet bkiet u bkiet ħafna. Dak iż-żmien l-isptar kien il-Furjana u kienu jagħmluli l-boroż tas-silġ fuq rasi, boroż tas-silġ ġejjin u sejrin minħabba t-tifojde...

Imbagħad ġiet ommi u huma u ġejjin hi u oħti l-kbira (li hija mejta wkoll, ħa tagħlaq mejta, għalqet sentejn f'Novembru li għadda tas-sena 1990), ommi qaltilha, 'Karmni, x'ħa nagħmlu?' Qaltilha, 'Ma x'ħa nagħmlu? Issa mmorru d-dar nillestu l-kefen u nirranġaw l-affarijiet biex inġibu lil Ġuża mill-isptar għas-Siġġiewi.' U dina ommi qaltilha, 'U s-Santa Marija din it-tifla x'kellu jgħaddi mingħaliha.' Qaltilha, 'Ma, dawn affarijiet ta' Alla, nirrassenjaw ruħna ma' Alla, hekk kellu jgħaddi mingħaliha imma t-tifla ħa tmutilna.' Dina oħti l-kbira Karmni Alla jaħfrilha, kienet tħobbni b'imħabba speċjali...

U dina ommi batet għal Dun Ġużepp Delia li dak iż-żmien kien id-Direttur Spiritwali tiegħi, kont għadni ta' xi ħdax, tnax il sena. Ommi qaltlu, 'Dun Ġużepp.' Qalilha, 'Xi bxara hemm?' Qaltlu, 'Bxara mhix sabiħa. Ġuża dalwaqt jibgħatulna li ħallitna, agħmlilha il-quddiesa tal-buon passaġġ.'

Dak iż-żmien il-quddies taf kemm kien? Tmintax irbiegħi kien kull quddiesa u ommi minflok tmintax irbiegħi la naf tatu ħames xelini u lanqas nofs lira tgħid. Qalilha, 'U la jiena ħa noħodlok il-flus u ma jien ħa noħodlok xejn. Aqta x'ser ngħidlek? Ħa nagħtik bxara tajba.' Qaltlu, 'Jaq'hawn, jaq'hawn Dun Ġużepp xi bxara ħa tagħtini?' Qalilha, 'Jiena l-quddiesa tal-buon passaġġ għada ħa nagħmilhielha lil Ġuża imma ħa ngħidlek li Ġuża ma hix ħa tmut.' Qaltlu, 'X'inhu? Anka il-professur tagħha qatagħhielna.' Qalilha, 'Il-professur hu Alla u jien qed ngħidlek għan-nom Tiegħu li Ġuża ma hix ħa tmut. Ismagħni x'ħa ngħidlek.' U veru hekk kien.

Wara tliet xhur kienu bagħtuna f'sala l-Ingieret biex ikunu jistgħu jgħinuna u jikkurawna. Imbagħad meta kien illiċenzjana ommi kienet batet karozzin u ġiet ferħana u qaltli, 'Binti, il-Mulej minn mejta għamlek ħajja għax inti mejta kont.'"

*Ikompli f'ħarġa oħra...*

**Sylvana Spiteri LL.D**

## SAN MIKIEL ARKANĠLU

San Mikiel Arkanġlu, idħol għalina fit-taqbida. Kun int il-għajnuna tagħna kontra l-ħażen u t-tnassis tad-dimonju; irażżnu Alla nitolbuk bil-ħerqa. U inti l-aqwa fost il-qtajja kollha tas-Sema, itfa', bil-qawwa t'Alla fil-qiegħ ta' l-infern lix-xitan u l-ispirti ħżiena l-oħra li jiġġerrew fid-dinja għat-telfien ta' l-erwieħ. Amen.

### TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek. Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*



## GRAZZJI MAQLUGĦA

**G. Bugeja miz-Zurrieq** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-intercessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u ta' San Guzepp.

**Rita Spiteri minn Raħal Ġdid** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud.

**V. D. minn Birkirkara kitbet hekk:** L-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna. Xi għoxrin sena ilu kelli żewġ korramenti. Wara bżajt li mhux ser ikolli tfal imma b'ħafna talb lill-Madonna erġajt ħriġt tqila. Għalkemm kelli l-problemi wkoll f'din it-tqala izda wellidt tifla b'saħħitha. Wara xtaqt tarbija oħra. Ir-raġel izda ma ridx iżjed tfal. Tlajt il-Girgenti u tlabt lill-Madonna. Erġajt ħriġt tqila u din id-dara kelli tqala feliċi u kelli tifel...

**T. Attard minn Birkirkara** jirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qala bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud. Kellu problema fuq ix-xogħol li ġiet solvuta.

**L. G. minn Ħal Qormi** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, Ġuża Mifsud u l-Bejatu Nazju Falzon.

**N. N. minn Birzebbugia** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u l-erwieħ tal-purgatorju.

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.